MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' April, 2019

Rikors Numru 158/2019 LM

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1777/18 u fl-atti tal-kawża numru 1094/18 LM**

**Lifts Services Limited (C 5543) kif korrett permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Marzu, 2019**

***vs.***

**Dr Daniela Bugeja Mangion bħala mandatarju speċjali għal:**

1. **CURT di DI Cesare Rossella (P. Iva 02129650681)**
2. **Umberto Cascini CA 05502BA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Umberto Cascini** detentur tal-karta tal-identità Taljana bin-numru CA 05502 BA kif lokalment rappreżentat mill-mandatarju speċjali l-Avukat Dr Daniela Bugeja Mangion detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 578379M u/jew l-Avukat Dr David Gonzi, detentur tal-karta tal-identità 551078M, ippreżentat *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta'

Malta, fid-19 ta' Frar, 2019 (minn issa 'l quddiem "is-sekwestrat Cascini"), li jgħid kif ġej:

*Illi permezz ta' digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-tnejn (2) ta' Novembru, 2018 fl-ismijiet premessi, ġie ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1777/18 fuq talba tas-soċjetà sekwestranta Lift Services Limited kontra l-kumpannija CURT di DI Cesare Rossella (P. Iva 02129650681) u l-esponent Umberto Cascini għas-somma ta' tmienja u ħamsin elf u tmenin Euro u sittin ċenteżmu (€58,080.60) u dana sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha skont kif esponiet fit-talbiet tar-rikors promutur tagħha fil-kawża numru 1094/18 LM.*

*Illi l-ammont pretiż mill-kumpannija sekwestranta huwa sabiex jagħmel tajjeb għal riparazzjonijiet fuq lift components illi allegatament ma tħallsux lill-kumpannija sekwestranta minn uħud mill-klijenti tagħha għaliex allegatament ma setgħux jiġu pprovduti biċ-ċertifikat tal-fornitur;*

*Illi l-esponent huwa konsulent mal-kumpannija estera CURT di DI Cesare Rossella u jitħallas għas-servizzi tiegħu direttament mingħandha;*

*Illi l-esponent m'għandux jinżamm personalment responsabbli sabiex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-kumpanija sekwestranta stante li din qatt ma akkwistat xejn mingħandu;*

*Illi in oltre, bla preġudizzju għas-suespost il-pretensjoni tal-kumpannija sekwestranta hija kkawtelata bl-assi tal-kumpannija estera CURT di DI Cesare Rossella kontra liema wkoll is-soċjetà sekwestranta ħarġet mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1777/18 u liema assi jistgħu joffru garanzija biżżejjed għall-pretensjoni tal-kumpannija sekwestranta.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna t-tħassir u r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1777/18 kontra l-esponent Umberto Cascini u dana ai termini tal-artikolu 836(1) (c), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat ir-Risposta tas-soċjetà **Lifts Services Limited** (C 5543) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà sekwestranta") ippreżentata fil-5 ta' Marzu, 2019, li permezz tagħha eċċepiet:

*Illi fl-ewwel lok, għal kull buon fini, jinħtieġ li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-proċeduri odjerni u dana stante illi s-soċjetà rikorrenti jisimha Lifts Services Limited u mhux Lift Services Limited.*

*Illi għall-finijiet ta' kjarezza, il-kawżali tal-Lifts Services Limited fir-rikors ġuramentat tagħha numru 1094/2018 u fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwali numru 1777/18 mhumiex dawk allegati minn Umberto Cascini fl-aħħar paragrafu tal-ewwel paġna tar-rikors tiegħu odjern datat 19 ta' Frar, 2019, iżda, kif jirriżulta ċarament fl-istess rikors ġuramentat u sekwestru, huma s-segwenti:*

- *Li l-intimati Umberto Cascini u CURT di Di Cesare Rossella jħallsuha l-ispejjeż inkorsi minnha sabiex issewwi l-lift components difettużi mibjugħa lilha mill-istess intimati (Lifts Services Ltd dejjem ippretendiet dawn il-ħlasijiet mill-intimati li pprovdewlha lift components difettużi u mhux mill-klijenti tagħha);*

- *Li l-intimati jħallsuha l-bilanċi li ma setgħetx tiġbor mill-klijenti tagħha għaliex dawn tal-aħħar ma setgħux jiġu pprovduti biċ-ċertifikati ta' konformità;*

*Illi permezz tar-rikors tiegħu tad-19 ta' Frar, 2019 is-sekwestrat Umberto Cascini qiegħed jipprova jottjeni t-tħassir u r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1777/18 kontrih ai termini tal-paragrafi (c), (e) u (f) tal-artiklu 836 (1) tal-Kap. 12. Bir-rispett, din it-talba għandha tiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti għas-segwenti raġunijiet:*

*Illi fl-ewwel lok, fis-sentenza* ***Sammut Emanuel et vs. Sammut Josephine*** *deċiża fil-5 ta' Ġunju, 2003, din l-Onorabbli Qorti spjegat is-segwenti rigward l-eżami li trid tagħmel il-Qorti meta rinfaċċata b'rikors għal revoka ta' mandat kawtelatorju:-*

*"Mid-dispożizzjoni tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 (tħassir ta' mandat kawtelatorju) jidher li l-unika eżami li trid tagħmel il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kellu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.*
*Dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li l-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża."*

*Illi kif jirriżulta mill-atti tal-kawża numru 1094/18 LM u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1777/18 u kif ser jiġi mfisser hawn isfel, huwa ċar kristall illi l-esponenti sekwestranta għandha prima facie pretensjoni legali kontra Umberto Cascini u li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1777/18 għandu jibqa' fis-seħħ.*

*Il-Kwistjoni tal-Leġittimu Kontradittur*

*Illi b'żieda mas-sentenzi suesposti, il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna tagħmilha ċara illi fil-kuntest ta' mandati kawtelatorji (partikolarment il-paragrafu (f) tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12), il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-kwistjoni jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant. Hekk per eżempju tenniet l-Onorabbli Prim Awla fis-sentenza:*

***Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et** deċiża fis-26 ta' April, 2002:-*

*"Skont l-Artikolu 836(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed prima facie u l-Qorti m'għandhiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant."*

*Illi totalment mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, huwa ta' rilevanza wkoll dak li tennew il-Qrati tagħna f'ċirkostanzi fejn wieħed jallega li ma kienx qed jaġixxi f'ismu personali iżda għan-nom ta' soċjetà. Hekk per eżempju fil-kawża fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs. Charles Scicluna** (Ċit. Nru. 1337/90/JDC), deċiża fis-27 ta' April, 1992, il-Qorti tal-Kummerċ tenniet:*

*"Illi hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Il-piż tal-prova li min jikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel l-allegazzjoni."*

*Illi fis-sentenza **Alex Zammit noe vs. Alan Lubinsky et** Ċit. Nru. 508/2007/JZM deċiża fit-30 ta' Marzu, 2010, din l-Onorabbli Prim' Awla għamlitha ċara illi:*

*"Bħala regola, huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati. Il-każ tal-lum però jikkostitwixxi eċċezzjoni għal dik ir-regola. Kif kien osservat fis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerċ '**Cilia noe vs Scicluna**' (K/FGC) tas-27 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.673) u '**Bonnici***

***noe vs Grima**' (K/JDC) tat-30 ta' April, 1992 (LXXVI.IV.677) u tal-Qorti tal-Appell '**Caruana et vs Magro et**' tas-6 ta' Ottubru, 1990, hija ħaġa minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf illi jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor.*

*Il-kumpannija ammettiet il-kreditu (fol 8). Iżda dak il-fatt waħdu ma jeżonerax lill-konvenut personalment mill-obbligazzjoni li jagħmel tajjeb hu għal dak il-kreditu. Fuqu jinkombi l-piż tal-prova tal-allegazzjoni tiegħu li d-debitu ma sarx minnu personalment iżda li meta kkontratta mal-attur kien qed jagħmel hekk f'isem il-kumpannija. Il-provi f'dan ir-rigward għandhom jintiżnu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju, il-mandat ma jistax jiġi preżunt anzi għandu jiġi eskluż (Troplong – Mandato No. 50 ċitat fis-sentenza **Vol. XLII.II.203).** Del resto fil-kuntest ta' kollox hemm il-prinċipju tad-dritt, daqstant ewlieni, li skont Art. 993 tal-Kap. 16 il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in bona fede u jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom iżda wkoll il-konsegwenzi kollha li ġġib magħhom l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha bl-ekwità, bl-użu u bil-liġi ('**Falzon vs. Cuschieri'** – Qorti tal-Appell – 23 ta' Ottubru, 1936 – XXIX.I. 1408; '**Spiteri vs. Spiteri et' –** Qorti tal-Appell – 28 ta' Ġunju, 1957 – Vol. XLI.I.412; **'Depares noe vs. O'Dea noe' –** Qorti tal-Appell – 25 ta' Ġunju, 1996);*

*...*

*Anke fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru, 1999 fil-kawża '**Formosa et noe vs. Felice**', il-Qorti tal-Appell kienet ċara. Jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhumiex dasqstant ovvji. Fejn hemm dubju però wieħed għandu jippreżumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet qed tagħmel hekk f'isimha proprju."*

*Illi Umberto Cascini ma ġab l-ebda prova li huwa kien informa lil Lifts Services Ltd espressament li kien qed jikkontratta f'isem is-soċjetà CURT di Di Cesare Rossella. Anzi mill-provi ħareġ il-kontra kif imfisser hawn isfel:*

*Illi fil-fatt fil-kawża numru 1094/18 fl-istess ismijiet premessi, Patrick Busuttil, operations manager ta' Lifts Services Limited u Justin Loffreda, operations and sales manager, xehdu illi huma dejjem tkellmu, ittrattaw u għamlu skambji ma' Umberto Cascini u li dan qatt ma infurmahom espressament li kien qed jaġixxi għan-nom ta' CURT di Di Cesare Rossella (P. Iva 02129650681) u mhux personalment. Għal dan l-iskop l-esponenti sekwestranta qed tirreferi għall-provi kollha prodotti fil-kawża numru 1098/18LM. (Sfortunatament, it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Patrick Busuttil għadha mhijiex lesta u għalhekk l-esponenti sekwestranta tixtieq bir-rispett illi din titlesta qabel din l-Onorabbli Qorti tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha.) Fl-iskambji li l-Lifts Services kellha ma' Umberto*

*Cascini u fid-dokumenti mibgħuta lilha minn Cascini, spiss jidher il-logo/trade name 'Curt'. Umberto Cascini qatt ma qal lir-rappreżentanti ta' Lifts Services li dan il-logo/trade name mhuwiex proprjetà tiegħu jew li huwa ta' xi soċjetà.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sekwestrat Umberto Cascini ma ġab assolutament l-ebda prova illi huwa konsulent tal-kumpannija estera CURT di Di Cesare Rossella kif allegat minnu fir-rikors revoka tiegħu.*

*<u>Il-Kwistjoni tal-Kawtela/Garanzija</u>*

*Illi l-allegazzjoni ta' Cascini fir-rikors revoka tiegħu illi:*

*'Il-pretensjoni tal-kumpannija sekwestranta hija kkawtelata bl-assi tal-kumpannija estera CURT di Di Cesare Rossella kontra liema wkoll is-soċjetà sekwestranta ħarġet mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1777/18 u liema assi jistgħu joffru garanzija biżżejjed għall-pretensjoni tal-kumpannija sekwestranta'*

*Hi totalment inveritiera, infondata u addirittura malizzjuża u dana stante illi wara l-mandat ta' sekwestru numru 1777/18, is-sekwestratarji ma għamlu l-ebda depożiti l-Qorti u lanqas ma ddikjaraw li għandhom xi assi tas-sekwestrati f'idejhom, u dana fil-konfront kemm tas-sekwestrat Umberto Cascini u kemm tas-sekwestrata CURT di Di Cesare Rossella. L-ebda mis-sekwestrati lanqas ma offra xi forma ta' garanzija sabiex jiġu kkawtelati l-jeddijiet tas-sekwestranta. Dan kollu jirriżulta mill-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju de quo (1777/18) u l-esponenti sekwestranta tirriserva li tħarrek rappreżentant tar-Reġistratur tal-Qorti għal tali konferma. B'hekk fil-preżent Lifts Services Ltd għadha totalment skoperta, il-jeddijiet tagħha għadhom mhumiex ikkawtelati u lanqas huwa magħruf jekk Umberto Cascini u CURT di Di Cesare Rossella humiex f'pożizzjoni finanzjarja li tippermettilhom iħallsu d-dejn dovut minnhom.*

*Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost kollu, hija l-fehma umli tal-esponenti sekwestrant illi t-talbiet ta' Umberto Cascini kif dedotti fir-rikors tiegħu tad-19 ta' Frar, 2019 għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontrih.*

Rat l-atti kollha ta' dan ir-Rikors.

Semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw ir-Rikors.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għal provvediment.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Bejn il-partijiet hemm pendenti kawża għad-danni, u dan wara li s-soċjetà sekwestranta kienet ordnat diversi *lift components* mingħand l-intimati, li meta ġew ikkonsenjati u installati f'diversi binjiet madwar Malta, is-soċjetà sekwestranta ssostni li dawn ma kinux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tagħha, u wħud mill-installazzjonijiet li saru kienu jeħtieġu tiswijiet, b'danni u spejjeż għas-soċjetà sekwestranta. Hu fil-kuntest ta' din il-kawża bejn il-partijiet li s-soċjetà sekwestranta talbet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront kemm tas-soċjetà CURT di DI Cesare Rossella, kif ukoll fil-konfront ta' Umberto Cascini, il-persuna teknika li jidher li magħha dejjem ikkomunikat is-soċjetà sekwestranta Lifts Services Limited. Meta s-soċjetà sekwestranta ħtiġilha tagħmel kuntatt mal-fornituri tal-*lift components,* jidher li l-kuntatt dejjem sar ma' Umberto Cascini. Is-somma kawtelata bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hija ta' tmienja u ħamsin elf, u tmenin Euro u sittin ċenteżmu (€58,080.60), u dan l-ammont jirrappreżenta spejjeż li saru mis-soċjetà sekwestranta għal tiswijiet fuq *lift components* pprovduti lilha mis-sekwestrati, kif ukoll bilanċ ta' spejjeż li hija ma setgħetx tirkupra mingħand il-klijenti tagħha għaliex dawn ma ġewx ipprovduti mis-sekwestrati b'ċertifikat ta' konformità.

Is-sekwestrat Umberto Cascini qiegħed iressaq it-talba odjerna għall-ħruġ ta' kontromandat fil-konfront tiegħu in vista tal-fatt li huwa biss impjegat bħala konsulent tekniku ma' CURT di DI Cesare Rossella u li hu mhux direttur jew azzjonist tagħha, u għalhekk isostni li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1777/18 ma kellux jintlaqa' fil-konfront tiegħu. Tali talba hi msejsa fuq il-premessi li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-

soċjetà sekwestranta, jew li hemm garanzija oħra li tista' tassigura biżżejjed il-pretensjonijiet tas-soċjetà sekwestranta, li l-garanzija mogħtija hi adegwata biżżejjed, u li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, stante li mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

Min-naħa tagħha s-soċjetà sekwestranta wieġbet li l-analiżi li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju hi waħda li tasal sal-livell *prima facie,* u li għalhekk m'għandux ikun hemm indaġni dwar jekk Umberto Cascini hux fil-fatt leġittimu kontradittur fil-konfront tat-talbiet tas-soċjetà sekwestranta jew le. Intqal ukoll li l-Qrati għandhom dejjem jippreżumu li min jikkontratta, ikun qiegħed jagħmel dan f'ismu personali u mhux f'isem xi soċjetà, u għalhekk mad-daqqa t'għajn din il-Qorti għandha tkun sodisfatta li Umberto Cascini aġixxa f'ismu personali u mhux f'isem jew għan-nom ta' xi terz jew ta' kumpannija. Intqal ukoll li sa issa ma saru ebda depożiti jew garanziji mis-soċjetà sekwestrata għat-talbiet tas-soċjetà sekwestranta, u għalhekk il-pożizzjoni tas-soċjetà sekwestranta għadha mhix kawtelata.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Is-sekwestrati esebew estratt[1] maħruġ mill-*Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura* tal-Provinċja ta' Pescara, l-Italja, b'dettalji dwar is-soċjetà CURT di DI Cesare Rossella.

---

[1] *A fol.* 14 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

It-talba li qiegħda ssir lil din il-Qorti mis-sekwestrat Umberto Cascini hi sabiex jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1777/18 li nħareġ fuq talba tas-soċjetà Lifts Services Limited, limitatament sa fejn dan jolqot lil Cascini personalment, u dan in vista tal-fatt li hu jallega li huwa impjegat bħala konsulent tekniku mas-soċjetà sekwestrata, u li l-pretensjonijiet tas-soċjetà sekwestranta jkunu sodisfatti jekk il-mandat kawtelatorju jitħalla fis-seħħ limitatament fil-konfront tas-soċjetà CURT di Di Cesare Rossella. Cascini jgħid li hu mhuwiex direttur jew azzjonist ta' din is-soċjetà, u għalhekk m'għandux ibati l-konsegwenzi li l-ħruġ ta' dan il-mandat kawtelatorju numru 1777/18 ġab fuqu. It-talbiet ta' Cascini huma bbażati fuq l-artikolu 836 (1) (ċ), (e) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdu li talba bħal dik odjerna għandha tiġi milqugħha f'każijiet fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' minn ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju, meta l-garanzija mogħtija mill-Qorti titqies li tkun biżżejjed, u meta jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu, jew li dan l-att mhuwiex meħtieġ jew ġustifikabbli.

Il-Qorti trid tagħmilha ċara li d-deċiżjoni li ser tingħata f'dan l-istadju bl-ebda mod m'għandha tiġi interpretata li hija b'xi mod indikattiva dwar min mill-partijiet għandu raġun fil-kawża fil-mertu, li għadha fi stadju ta' ġbir ta' provi.

Il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mid-difensuri tal-partijiet, partikolarment is-sottomissjoni li saret mis-soċjetà sekwestranta li l-komunikazzjoni min-naħa tagħha dejjem saret mas-sekwestrat Umberto

Cascini, u li dan qatt ma qal li hu kien qiegħed jidher jew jaġixxi għan-nom ta' xi soċjetà, għalkemm il-fatturi esebiti fil-proċess allegat mal-atti ta' dawn il-proċeduri jidhru li nħarġu taħt il-*logo* ta' CURT. Mid-dokumenti esebiti jirriżulta ukoll li Umberto Cascini hu indikat bħala '*responsabile tecnico commerciale*' u li kull meta s-soċjetà sekwestranta ilmentat dwar il-ħtieġa li jsiru tiswijiet fuq l-installazzjonijiet li saru minnha bil-*lift components* ipprovduti mis-sekwestrati, il-komunikazzjoni dejjem saret ma' Cascini nnifsu u kien hu li ġie Malta ma' numru ta' tekniċi sabiex jaraw jekk jistgħux jagħmlu t-tiswijiet meħtieġa huma stess.

F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li jkun xieraq li għal dak li diġà qalet fi proċeduri oħrajn, senjatament fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd *vs.* Office Group Ltd**[2]*,* fejn qalet illi:

> "... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' *prima facie*. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri *vs.* Gové et**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:
>
> "Mid-dispożizzjoni tal-art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."

F'deċiżjoni oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, wara l-mandat ta' sekwestru numru 1235/2015 fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et *vs.* Bianco Charles et**, intqal illi:

[2] P.A., 28.04.2015.

> "L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide **Vincent Mercieca vs George Galea**, 29 ta' Novembru, 2011, u **Technobroadcast srl vs Mediterrenean Broadcasting Limited**, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."

Il-Qorti qieset li minn dak li jidher mad-daqqa t'għajn, għadu ma sar l-ebda depożitu u ma nġabet l-ebda garanzija li l-pretensjoni tas-soċjetà sekwestranta tista' b'xi mod tkun sodisfatta bl-assi li jappartjenu lis-soċjetà sekwestrata CURT di DI Cesare Rossella. Inoltre ma tressqet l-ebda prova ta' xi ġid li s-soċjetà sekwestrata għandha, u li jista' jintuża biex jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tas-soċjetà sekwestranta. Il-Qrati tagħna tul is-snin żviluppaw regoli pjuttost rigidi dwar x'inhu dak li jikkostitwixxi garanzija xierqa, u f'deċiżjoni fl-ismijiet **Antoinette Farrugia proprio et nomine *vs.* Nicholas Farrugia**[3], inqal:

> "Illi huwa aċċettat li t-tiftix tal-garanzija xierqa għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jrid isir fi ħdan l-istess eżekutat, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita 'bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor'. Huwa wkoll mistenni li l-garanzija offerta tkun magħmula minn 'assi żguri' li ma jistgħux ikunu kapriċċożament jew arbitrarjament manipulate mill-parti eżekutata jew minn terzi bi ħsara tal-parti eżekutanti[4]. Il-ġid garanti jrid ukoll ikun tali li, f'każ li l-eżekutant ikollu jdur għalih biex jesegwixxi l-pretensjoni tiegħu[5], dak il-ġid ikun disponibbli u realizzabbli".[6]

[3] P.A., 27.08.2015.
[4] P.A., 18.09.2002, **John Zarb *vs.* Port Cottonera Ltd.**
[5] P.A., 05.06.2003, **Emanuel Sammut et *vs.* Josephine Sammut.**
[6] P.A., 20.03.2003, **Ranger Co. Ltd *vs.* Euro Imports Ltd.**

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet qiegħed jiġi stabbilit li sa fejn it-talba tas-sekwestrat Umberto Cascini hija bbażata fuq is-subartikoli (ċ) u (e) tal-artikolu 836 (1) tal-Kap. 12, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi mhuma sodisfatti bl-ebda mod.

It-talba tas-sekwestrat Umberto Cascini hija msejsa wkoll fuq is-subinċiż (f) tal-artikolu 836 (1) tal-Kap. 12, li jistipula li talba bħal dik tas-sekwestrat Umberto Cascini tista' tintlaqa' meta jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li l-Mandat jinżamm fis-seħħ jew li mhuwiex ġustifikabbli. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Stanley *vs.* Galea**[7], ġie ritenut illi:

> "L-istħarriġ fil-mertu ma jagħmilx biċċa mill-kriterji li fuqhom hija ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha fi proċedura bħal din: biex il-Qorti tista' tqis jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;
>
> Illi biżżejjed jingħad li, jekk 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-intimata eżekutanti m'għandha titħallas xejn, xorta waħda ma jistax jingħad li l-mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju jinħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwistjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimat eżekutant."

F'dan l-istadju, fin-nuqqas ta' prova *prima facie* li Umberto Cascini kien qiegħed jaġixxi f'isem ħaddieħor u mhux f'ismu, il-Qorti ma tistax tqis li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li laqat ukoll ġid tiegħu personali ta' Cascini, ma kienx ġustifikat fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk it-talba tiegħu taħt din il-kawżali qiegħda tiġi miċħuda wkoll.

---

[7] P.A., 29.07.2005.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet mogħtija mis-soċjetà sekwestranta Lifts Services Limited;**

2. **Tiċħad it-talbiet tas-sekwestrat Umberto Cascini għall-ħruġ ta' kontromandat *ai termini* tal-artikolu 836 (1) (ċ), (e) u (f) tal-Kap. 12;**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura huma a karigu tas-sekwestrat Umberto Cascini.**

Moqrija.